RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa F42**
**Il-Kunsill iltaqa' nhar**
**It-Tlieta 10 ta' April 2012 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Manicaro | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F40**

1.01 Is-Sindku Sandro Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F40 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-minuti gew approvati. — Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F40

**2.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F41**

2.01 Is-Sindku Sandro Craus ppropona li l-minuti tas-seduta b'urgenza numru F41 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Paul Grech. Il-minuti gew approvati. — Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha b'Urgenza F41

**3.00 Korrezzjonijiet F40**

3.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. — Korrezzjonijiet F40

**4,00 Korrezzjonijiet F41**

4.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. — Korrezzjonijiet F41

**5.00 Punti li johorgu mill-Minuti F40**

5.01 Ma kien hemm l-ebda punti mqajma.

**6.00 Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza**

6.01 Is-Sindku Alexander Craus nforma l-laqgha li l-Kunsill kien ircieva *email* mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali fejn l-Kunsill gie mitlub jaghti twegiba mil-aktar fis possibli dwar Memo 5/2012 - Spezzjonijiet mill-*MCCAA* fuq il-*Playground* tal-Kunsilli Lokali

Memo 5/2012 dwar Spezzjonijiet mill-*MCCAA* fuq il-*Playground* tal-Kunsilli Lokali

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ghadu ma rrispondiex ghal din il-Memo peress li kien u ghadu qed jistenna l-esodu tal-applikazzjoni tieghu dwar l-iskema tal-*Playing Grounds*, li s'issa ghadna ma nafux x'konkluzzjonijiet hemm.

Wara diskussjoni li saret l-Kunsill qabel li jkompli bit-tiswijet fejn hemm l-aktar urgenza skond kif indikat fir-rapport mill-*MCCAA*.

Is-Sindku ppropona li fil-jiem li gejjin l-Kunsill johrog zewg *tenders* sabiex issiru l-kumplamant tax-xogholijiet kemm fuq il-*Playing Ground* ta' Bir l-Ijun kif ukoll fuq il-*Playing Ground* ta' Gnien il-Barnuza l-Hamra tal-Bahrija. Issekondat din l-proposta l-Kunsillier Odette Manicaro. Il-Kunsill approva Nem.Con

6.02 Is-Sindku Alexander Craus nforma l-laqgha li l-kunsill kien ircieva ittra mil-Kummissarju tal-Artijiet fejn talbu lil Kunsill jinfurmhom jekk kienx ghadu interest li jkompli bid-devoluzzjoni tal-Kappella ta' San Mikiel. Hu kompla billi fakkar il-laqgha, li fis-26 ta' Mejju 2009 il-Kunsill kien ghamel talba ghal din id-devoluzzjoni minhabba li din l-kappella kienet parti minn mizura li l-kunsill kien applika ghalija, pero l-applikazzjoni tal-Kunsill ma kienetx giet maghzula mil-bord tal-ghazla.

Devoluzzjoni Kappella ta' San Mikiel

Is-Sindku qal li din il-kappella fija diversi hsarat fis-soqfa u hemm bzonn li jsir intervent immedjat biex ma jkomplux jaqghu aktar xorok.

Il-Kunsillier Antoine Borg qal li qabel l-Kunsill jiddecidi jekk ikompliex b'din id-devoluzzjoni l-ewwel rridu naraw jekk l-kunsill huwiex f'pozizzjoni li jsewwi l-hsarat li hemm.

Il-Kunsill Antoine Borg issugerixxa li l-Kunsill jaghmel talba lil Ministeru ghar-Rizorsi u Affariiet Rurali sabiex naraw jekk jistax jaghtina xi tip ta' ghajnuna biex nirrangaw il-hsarat li hemm qabel nkomplu bid-devoluzzjoni. Il-Kunsill qabel.

Sar qbil li l-Kunsillier Antoine Borg ikun responsabbli minn din l-materja.

6.03 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill kien ircieva twegiba minghand Transport Malta dwar talb li kien ghamel l-Kunsill rigward ir-*reseved parking spaces* tal-*coaches* u l-*mini-buses* ta' hdejn l-Ghalqa ta' Kola u l-Wesgha tal-Muzew. Hu kompla billi qal li fl-ittra taghhom TM qed titlob li issir laqgha *on-site* mal-Kunsill flimkien mal-entitajiet koncernati.

Laqgha ma' TM dwar *reseved parking spaces* tal-*coaches* u l-*mini-buses* ta' hdejn l-Ghalqa ta' Kola u l-Wesgha tal-Muzew

Il-Kunsill qabel li s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv jiltqghu ma' TM f'isem l-Kunsill.

6.04 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill kien ircierva ittra minghand is-Sur Rennie Abela fejn dan ir-resident qed jilmenta dwar diversi hsarat fuq il-faccata u l-gallerija tad-dar tieghu minhabba diversi abbuzi ta' parkegg minn terzi persuni.

Ilment minghand resident fi Triq Santu Wistin

Is-Sindku ipprezenta fuq il-mejda tal-kunsill l-ittra kif ukoll ir-ritratti li baghat dan ir-residenti.

Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li ssir talba lil Transport Malta biex issiru tabelli *Light Vehicles Only.*

Il-Vici Sindku Doris Coleiro sahqet dwar l-importanza li jekk issiru dawn it-tabelli dawn jigu infurzati.

Wara diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li ssir it-talba ma' TM sabiex issiru l-imsemmija it-tabelli fi Triq San Guzepp ma' Triq Santu Wistin, Triq Doni, Triq ir-Rebha u Triq Hal Bajada.

Is-Sindku propona li l-Kunsill ghandu jiltaqa ukoll mar-resident biex flimkien nipruvaw insibu soluzzjoni ghal dan l-inkonvenjent.

** Il-Kunsilliera Robert Micallef u Rudolf Grima dahhlu ghal-laqgha fis-8.00 p.m.

6.05 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill kien ircierva ittra minghand is-Sur Stephen J.Muscat dwar incident li kellu meta kein ghaddej bil-karozza tieghu mit-Triq tal-Fiddien. Incident tal-Fiddien

Is-Sindku qara l-ittra tas-Sur Muscat u anke prezenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-ritratti li baghat is-sinjur mal-ittra tieghu.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill ghadnu jghaddi dan l-kaz ghand l-avukat tal-kunsill. Il-Kunsill qabel Nem.Con

6.06 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill kien ircieva talba mil-Fondazzjoni JP2, fejn qed jitlobu lil Kunsill sabiex ikun l-ko-organizzattur ta' avveniment li ser issir biex titfakkar il-migja ta' Papa f'Malta. Hu kompla billi qal li din il-fondazzjoni qed titlob li l-Kunsill ihallas fl-inviti u *sponsorship* s-somma ta' 275.00 ewro. Talba Fondazzjoni JP2

Il-Kunsill iddecida li ma jilqax it-talba tal-fondazzjoni.

Peress li ma kienx hemm qbil umanimu s-Sindku ppropona li jitiehed vot li ghada kif gej:-
Is-Sindku is-Sur Alexander Craus u l-Kunsilliera s-Sna. Doris Coleiro, s-Sur Nazju Cassar, is-Sur Antoine Borg, Dr. Robert Micallef, is-Sur Peter Paul Azzopardi, s-Sur Paul Grech u s-Sna. Odette Manicaro ivvutaw kontra it-talba tal-fondazzjoni, filwaqt li l-Kunsillier Rudolf Grima ivvota favur.

6.07 Is-Sindku nforma l-laqgha li Ghaqda Maltija tal-Ortikultura bhal kull sena kienet ser terga torganizza l-wirja annwali taghha bl-isem *The Great Spring Show* fil-gonna ta' San Anton. Huwa kompla li din l-ghaqda kienet qed titlob is-sehem tal-kunsill f'din il-wirja billi jaghmel qoffa irrangata bi hxejjex ta' ikel u frott li wara l-wirja dawn l-prodotti se jkunu moghtija donazzjoni lir-*Richmond Foundation*. Il-Kunsill qabel li jiehu sehem f'din il-wirja. Talba mil- Ghaqda Maltija tal-Ortikultura

6.08 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill kien ircieva talba mill-MEUSEC sabiex jiltaqghu mal-Kunsill, biex flimkien jigu diskussi progetti li qed jippjana l-Kunsill li jista' issiru min fond tal-Unjoni Ewropeja. Laqgha mal-MEUSEC

Il-Kunsill qabel li niktbu lil MEUSEC fejn ninfurmawhom li qed nilqghu din it-talba.

6.09 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill kien ircieva ittra ta' ringrazzjament u apprezzament minghand l-Arcikonfraternita` ta' San Guzepp u mil-Ghaqda Muzikali L'Isle Adam. Kemm Arcikonfraternita` kif ukoll l-Ghaqda Muzikali irringrazzjaw lil Kunsill ghal kollaborazzjoni u l-ghajnuna fil-jiem tal-Festa ta' San Guzepp

Ringrazzjament minghand l-Arcikonfraternita` ta' San Guzepp u mil-Ghaqda Muzikali L'Isle Adam.

6.10 Is-Sindku nforma il-laqgha li l-kunsill ircieva talba, minghand is-Sur Oliver Bouvett fejn qed jitlob lil kunsill biex ihallaslu l-hsart li ghamel fit-*tyre* tal-karrozza tieghu konsegwenza ta' hofor fit-triq.

Hsarat fuq *tyre* ta' karrozza

Wara diskussjoni l-kunsill iddecida li din it-talba ma tigiex milqugha ghaliex il-pulizija mid-Distrett tar-Rabat ma intalbux mil-kwerelant biex immorru fuq il-post dak il-hin tal-incident biex jivverifikaw l-kaz.

**7.00 Komunikazzjoni mil-Kunsilliera**

7.01 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talb li jsir *refreshing tas-Sleeping Police*. Il-Kunsill qabel.

*Refreshing tas-Sleeping Police*

7.02 Il-Kunsillier Rudolf Grima sahaq dwar il-bzonn li Old Zebbug Rd tigi asfaltata minhabba li tinsab fi stat dizastruz. Huwa ippropona li din it-triq tigi asfaltata mil-aktar fis possibli. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar.

Bzonn ta' asfalt Old Zebbug Rd.

7.03 Il-Kunsillier Rudolf Grima qal li f'Old Zebbug Rd fuq ix-xellug tat-triq int u gej mir-Rabat hemm fossa ta' dar privata li tinsab moghtija bil-knaten. Huwa sahaq li dawn l-knatten qed ikunu ta' periklu ghal vetturi mod specjali bil-lejl minhabba li din il-fossa qeghda taht il-bankina.

Fossa moghtija bil-knaten u ohra sfronduta go Old Zebbug Rd

Huwa qal ukoll li mal-istess hajt ftit l-isfel minn din ir-residenza hemm ukoll fossa sfronduta.

7.04 Il-Kunsillier Antoine Borg saqsa x'hini l-pozizzjoni tal-Kunsill dwar Triq l-Mantell.

Bzonn ta' asfalt fi Triq l-Mantell, Triq ir-Rummien, Triq il-Gojjien u parti minn Triq in-Namura

Il-Kunsilliera Paul Grech qal li hu bhala *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija kien iccekja mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar dawn Triq l-Mantell u anke dwar Triq ir-Rummien, Triq il-Gojjien u parti minn Triq in-Namura fejn irrizulta li dawn kienu tal-privat, ghalhekk ma kienx possibli li dawn t-toroq issir mill-Kunsill flimkien mal-KA tal-Bahrija.

Is-Sindku Alexander Craus qal li l-Kunsill kien qed jipprova igib l-permess tas-sidien biex dan it-toroq jigu asfaltati.

Il-Kunsillier Antoine Borg ippropona li l-Kunsill jikteb lil Dipartiment tal-Artijiet u lil Transport Malta sabiex jintervjenu halli jintlahaq ftehim biex dawn it-toroq jigu asfaltati. Din il-proposta giet issekondata mill-Kunsillier Paul Grech.

7.05 Il-Kunsillier Antoine Borg sahaq dwar il-bzonn li jsiru *Pelican Lights* fi Triq l-Belt Valletta. L-Kunsillier Borg ppropona li l-Kunsill jikteb lil Transport Malta. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima.

*Pelican Lights* fi Triq l-Belt Valletta

7.06 Il-Kunsillier Nazju Cassar sahaq dwar il-bzonn li jsir *extensive patching* f'diversi toroq fosthom Triq Had-Dingli ma' Triq iz-Zahar u t-Triq tad-Dwejra. Huwa qal li dawn it-toroq hemm bzonn li jigu rrangati b'mod immedjat minhabba l-hsarat li fijhom.

Jsir *extensive patching* f' Triq Had-Dingli ma' Triq iz-Zghir u t-Triq tad-Dwejra

7.07 Is-Sindku Alexander Craus sahaq ukoll dwar l-bzonn li diversi toroq jinghataw il-konkos. Huwa ippropona li ssir in-Nigret, l-Imtahleb, Gnien Fieres, Wied l-Isqof, tas-Serena, l-Lunzjata, l-Awrenti, tal-Virtu' u tas-Sancir. Issekondat din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro. Toroq bil-konkos

Il-Kunsillier Nazju Cassar sahaq li Ta' Koronja ghandha tkun imnizla ma dawn il-lista ta' toroq. Issekonda din l-proposta il-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel li Ta' Koronja tkun ta l-ewwel li issir.

**8.00 Minuti Kumitat Amministattiv Bahrija A16**

8.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA Bahrija A16 jittiehdu bhala moqrija. Il-Vici Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Bahrija A16

**9.00 Minuti Kumitat Amministattiv Virtu A18**

9.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A18 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtu A18

** Il-Kunsillier Antoine Borg talab li jigi skuzat fis-8.55 p.m.

**10.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet**

10.01 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 207 tigi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. L-iskeda tal-hlasijiet numru 207

10.02 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni dwar hlasijiet dovuti lil Pada Builders Ltd u Central Asphalt Ltd ghal diversi xogholijiet li saru fil-lokalita u li diga kienu gew approvati f'seduti precedenti. Fakkret li dawn il-kuntratturi qed jithallsu ammonti specifici kif maqbul bejn il-Kunsill u bejnhom. Ghaldaqstant peress li l-perjodu tal-hlas li jmiss se jkun bejn zewg seduti, hi tablet l-approvazzjoni biex dawn il-pagamenti jsiru bl-*improviso* li dawn jiddahlu fl-iskeda tal-pagamenti li jkun imiss. Il-Kunsill qabel u approva. Hlasiiet dovuti lil Pada Builders Ltd u Central Asphalt Ltd

**11.00 Aggornament**

11.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Hamis 26 ta' April 2012 fis-7.00 p.m. Aggornament

11.02 Il-laqgha ntemmet fil-9.15 p.m.

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**